MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009

Numru. 924/2006

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri u Sp Therese Sciberras)
vs
Derek Spiteri, iben Anthony, imwieled Pieta' fl-20 ta' Ottubru, 1979

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli b'diversi atti ukoll jekk magħmula fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. talli fis-7 ta' April, 2006 għal habta tal-10.30 p.m. ikkometta serq ta' diversi oġġetti mill-'penthouses' tal-blokk '550 West' u '550 South' sitwati fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar għad-dannu ta' Joseph Manduca, liema

serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċediex l-elf lira maltin, bil-ħin u bil-persuna;
2. talli fil-15 ta' April, 2006 u matul is-snin ta' qabel, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom;
3. talli fis-16 ta' Marzu, 2006 għal habta tal-10.30 a.m. ta' fil-għodu, ikkometta serq ta' żewġ 'digital cameras' tal-marka 'Pentax' mill-ħanut bl-isem 'Phototech' sitwat fi Triq H. Calleja Schembri, Msida għad-dannu ta' Marcellus Stafrace, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin;
4. tali fl-10 ta' Frar, 2004 għal habta tat-8.00 p.m., flimkien ma persuni oħra mhux magħrufa kkometta serq ta' diversi oġġetti mill-fond bl-isem 'Castello Zamitello' sitwat fi Triq il-Ġnejna, Mġarr, Malta għad-dannu tad-diriġenti ta' l-istess fond, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin u bil-ħin;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu tad-diriġenti ta' l-istess fond, liema ħsara tammonta għal iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma tisskorriex il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
6. talli f'xi ġurnata matul ix-xahar ta' Novembru, 2005 ikkometta serq ta' apparat ċellulari tal-marka 'Motorola V3' mill-ħanut bl-isem 'Colors Phones' sitwat fi Triq il-Kbira, Sliema għad-dannu ta' Joseph Zerafa, liema serq hu kkwalifkat bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin;
7. talli f'xi ġurnata matul ix-xahar ta' Marzu, 2003 flimkien ma persuni oħra mhux magħrufa kkometta serq ta' pompa ta' l-ilma mill-fond bl-isem 'Villa Francica', sitwata fi Triq Preziosi, Lija għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-lok;
8. talli f'xi ġurnata matul ix-xahar ta' Mejju, 2004 flimkien ma persuni oħra mhux magħrufa kkometta serq ta' diversi għodda mill-fond numru 39, Pjazza Luigi Preziosi, Floriana għad-dannu ta' Christian Holland, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċediex l-elf lira maltin u bil-lok;

9. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Christian Holland, liema ħsara tammonta għal iżjed minn għaxar liri maltin (Lm10) iżda ma tiskorriex l-ħamsin lira maltin (Lm50);
10. talli f'xi ġurnata matul ix-xahar ta' Awwissu, 2004 flimkien ma persuni oħra mhux magħrufa bil-ħsieb li jikkometti serq mill-fond bl-isem 'Koala', numru 75, Triq is-Sgħajtar, Mosta wera dan il-ħsieb billi b'atti esterni ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
11. talli f'xi ġurnata bejn it-23 u it-28 ta' Frar, 2006 mill-ħanut bl-isem 'Frank's Perfumery' sitwat fi Triq ir-Repubblika, Valletta kkometta serq ta' flixkun fwieħa bl-isem 'Jean Paul Gautier' li jiswa Lm27 għad-dannu tad-diriġenti ta' l-istess ħanut;
12. talli f'xi ġurnata matul ix-xahar ta' Jannar, 2006 mill-ħanut bl-isem 'ButtigiegTobacco Shop' sitwat fi Triq ix-Xatt, Msida kkometta serq ta' tlett 'top up vouchers' li jiswew Lm15 għad-dannu ta' Anthony Buttigieg;
13. talli f'xi ġurnata matul ix-xahar ta' Jannar, 2006 mill-ħanut bl-isem 'Alpha Stationery' sitwat fi Triq ix-Xatt, Gżira kkometta serq ta' tlett 'top up vouchers' li jiswew Lm15 għad-dannu ta' Carmen Ellul;
14. talli fl-24 ta' Frar, 2006 mill-ħanut bl-isem 'Landau Stationery' sitwat fi Triq Mannarino, Birkirkara kkometta serq ta' żewġ 'top up vouchers' li jiswew Lm10 għad-dannu ta' Anthony Fenech;
15. talli f'xi ġurnata matul ix-xahar ta' Marzu, 2006 mill-banka tal-lottu bin-numru 313 sitwata fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta kkometta serq ta' erba' 'top up vouchers' li jiswew Lm20 għad-dannu ta' Paul Mamo;
16. talli f'xi ġurnata matul ix-xahar ta' Marzu, 2006 mill-ħanut bl-isem 'Chocolate Delight' sitwat fi Triq il-Pijunieri, San Pawl il-Baħar ikkometta serq ta' żewġ 'top up vouchers' li jiswew Lm10 għad-dannu ta' Johan Cassar';
17. talli fl-istess dati u ċirkostanżi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn

Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-6 ta' Jannar, 2009 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikoli 18, 261(ċ)(e)(f), 267, 269(g), 270, 279(a), 280(1) u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 18 u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 18, 261(ċ), 267, 279(a) u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278(2)(3), 279(b), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 18, 261(ċ), 267, 279(a) u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikoli 18, 261(b)(e), 263, 264, 265, 266, 278(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
g. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(e), 263(a), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(3), 279(a), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
h. fl-artikoli 18, 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278(2)(3), 279(b), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
i. fl-artikoli 18, 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali;
j. fl-artikoli 18, 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali;
k. fl-artikoli 18, 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali;
l. fl-artikoli 18, 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali;
m. fl-artikoli 18, 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali;
n. fl-artikoli 18, 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali;
o. fl-artikoli 18 u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali;
p. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu, 2009 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni u tas-sbatax l-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 270, 278(1)(2)(3), 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor fi żmien erba’ snin mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta’ €450 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------